# LEMIN ESTREM ĠDID FIL-ĠERMANJA



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

AfD tfisser "Alternative für Demokratie" (Alternattiva għad-demokrazija) u mhux ħlief partit populista tal-lemin estrem fil-Ġermanja.




Ilu jeżistu sa mill-2013. Dakinhar għal ftit ma laħaqx il-limitu ta' 5% tal-voti tal-elezzjoni federali biex ikun rappreżentat fil-Bundestag. Illum għandu 78 siġġu minn 736 fil-Bundestag (il-parlament federali), 233 membru parlamentari minn 1,884 fil-Parlamenti tal-Istati kollha u disgħa membri parlamentari Ewropej minn 96 li għandha l-Ġermanja. Fl-2017 kien it-tielet l-akbar partit fil-Ġermanja kollha u skont stħarriġiet li saru din is-sena jgawdi 20% tal-appoġġ tal-elettorat.

Fl-2019, Qorti Ġermaniża ddeċidiet li l-mexxej ta' dan il-partit jista' jissejjaħ 'faxxist' billi dan il-fatt iserraħ fuq 'fatti li jistgħu jiġu verifikati'. F'istanza oħra, il-partit CDU ta' Merkel f'Thuringia, uża l-appoġġ tal-AfD biex jeħles mill-PM xellugi tal-istess Thuringia. Dak iż-żmien tant kienu nqalgħu kontroversji li Merkel sejħet elezzjoni ġdida.

Iżda llum l-AfD għandu bejn żewġ u erba' punti perċentwali aktar mis-Soċjal Demokratiċi (SPD) li qegħdin imexxu l-gvern, permezz tal-Kanċellier Olaf Scholz u qegħdin ukoll spalla ma' spalla mas-CDU, il-partit ta' Merkel. Fi kliem ieħor, l-appoġġ li jgawdi dan il-partit illum, għeleb jew iħabbatha sew mal-akbar żewġ partiti li qatt kellha l-Ġermanja dawn l-aħħar snin u li pproduċew Kanċellier wara l-ieħor.

F'ċerti stati federali, l-AfD diġà fil-fatt huwa l-akbar partit. F'Thuringia llum għandha 34%: tliet darbiet daqs l-SPD. U f'ċerti distretti amministrattivi għandu l-appoġġ ta' 50% jew aktar tal-votanti eleġibbli. Skont stħarriġ li sar f'Ġunju l-AfD huwa l-akbar partit fl-eks-Ġermanja tal-Lvant. Min-naħa l-oħra, l-SPD naqqas ħafna mill-appoġġ anke mill-klassijiet tan-nofs tal-istess stati tal-Lvant li fi kliemhom stess fl-istħarriġ qalu li "ma jifilħux aktar għas-sitwazzjoni".

L-iskuntentizza taċ-ċittadini Ġermaniżi tidher li bdiet mal-kriżi tar-refuġjati fl-2015, iżda rrankat mal-pandemija u protesti massiċċi dwar inġustizzji soċjali bħall-'Black Lives Matter' u t-tibdil fil-klima. Dawn wasslu biex il-poplu Ġermaniż jinfatam mill-partiti fil-gvern (li bħalissa huma l-koalizzjoni SPD, FDP u l-Ħodor) kif ukoll mill-partit l-ieħor tradizzjonali s-CDU.

Bħalissa l-Ġermaniżi statistikament għandhom l-inqas fiduċja li qatt kellhom fil-gvern tagħhom fl-istorja. 69% minnhom qalu li qed iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni insopportabbli ta' tmexxija ultra-burokratika tal-istituzzjonijiet tal-gvern (inklużi dewmien ta' appuntamenti mattobba, trejnijiet li ma tistax toqgħod fuqhom, stennija għal servizzi pubbliċi ma tispiċċa qatt u nuqqas ta' postijiet fil-kindergarten għat-tfal).

Dan kollu qed iżid l-appoġġ lejn l-AfD. Iżda l-problema bl-AfD hija li l-intelliġenza Ġermaniża, li xogħolha huwa li tara li l-Kostituzzjoni Ġermaniża tista' tiffunzjona, ikklassifikat ħafna mill-fergħat tal-AfD bħala organizzazzjonijiet li jistgħu jaġixxu kontra l-istess kostituzzjoni. Mhux l-ewwel darba li f'diskorsi tagħhom membri ta' dan il-partit tkellmu b'mod razzist u dispreġġjattiv dwar barranin li jgħixu f'pajjiżhom u b'terminoloġija nazzista fosthom "Umvolkung" li tfisser 'inverżjoni etnika' jew 'ri-Ġermanizzazzjoni'.

Jidher li ħafna mill-votanti li qed ixaqilbu lejn dan il-partit qed jagħmlu hekk bħala protesta. Iżda l-AfD qed jira' sew mill-beżgħat u r-rabja tan-nies u jrewwaħ teoriji ta' konspirazzjoni kontra politiċi prominenti kif ukoll barranin, Lhud u l-komunità LGBTIQ. Aktar minn hekk, l-istess ko-mexxej tal-partit (Chrupalla) saħaq fuq it-televiżjoni Ġermaniża li l-President Putin mhux kriminal tal-gwerra għax attakka postijiet ċivili fl-Ukrajna. Aktar minn hekk, membri parlamentari Ġermaniżi tal-AfD tkellmu fuq it-televiżjoni Russa u kieku mhux għax għall-allarm pubbliku tliet politiċi tal-AfD kienu se jiġu ffinanzjati mir-Russja biex imorru Donbas ħalli jaraw is-sitwazzjoni vera tal-gwerra fl-Ukrajna. Minn stħarriġiet oħra li saru ħareġ ukoll li l-votanti li jxaqilbu lejn dan il-partit kollha jaqblu mal-politika tiegħu li l-Ġermanja m'għandhiex tibgħat armi lill-Ukrajna.

Jekk l-SPD u l-partiti l-oħra fil-gvern jitilfu l-votanti u r-Russja jirnexxilha tibdel l-opinjoni pubblika tal-poplu Ġermaniż, il-Gvern Ġermaniż jista' jsibha diffiċli jkompli jipprovdi l-armi lill-Ukrajna u jiddgħajjef saħansitra fuq livell globali.

Lil hemm mill-kwistjoni tar-Russja, iżda, dak li wieħed jista' wkoll faċilment jinnota huwa l-fatt li filwaqt li l-Italja diġà hija mmexxija minn partit tal-lemin estrem li qed inaqqas flok iżid id-drittijiet ta' sezzjonijiet tas-soċjetà li kienu ppersegwitati mir-reġimi faxxista u nazzista u li qajla jemmen fl-UE(!!!), il-pajjiż l-ieħor li 'ħoloq' l-Assi fit-Tieni Gwerra Dinjija, illum il-ġurnata huwa wkoll f'riskju li jiġi mmexxi, direttament jew indirettament, mil-lemin estrem. Meta l-iżvilupp ta' partiti oħra tal-lemin estrem f'pajjiżi oħra jittieħed ukoll in konsiderazzjoni, forsi verament għandna għal xiex nitħassbu. Bħalma ġara fl-1932 fejn l-Partit Nazzista kellu l-aktar siġġijiet imma ebda partit ma kellu l-maġġoranza, spiċċa ntagħżel mexxej li wassal għal sħaba kerha fuq l-Ewropa u d-dinja. B'liema mod tista' l-istorja terġa' tirrepeti ruħha llum?

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli tal-istess artikolista www.vassallolorna.com.

